**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 12 ta' Dicembru 2001**

**Numru 16**

**Citaz. Nru. 2429/97 FDP**

**Anna Mifsud armla ta' Carmelo**

**Vs**

**Vincent Mucat; Joseph Muscat u martu Maria Annunziata Muscat bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti u fl-amministrazzjoni taghha, ghal kull interess illi jista' jkollha; John Mary Muscat u Stephen Muscat.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi permezz ta' kuntratt pubbliku datat id-9 ta' April, 1960, u iskritt fl-atti tan-Nutar Pubbliku Salvatore Abela l-attrici flimkien ma' huha l-konvenut Vincent Muscat kienu xtraw bejniethom u *in solidum* minghand Antonio Vassallo porzjon art fabrikabbli li tifforma parti mix-Xaghra ta' l-Imgarr li ghandha faccata ta' tlett qasab, u hamsa u ghoxrin u nofs qasab fond, ta' kejl ta' siegh u seba' kejliet u tlieta minn erbgha ta' kejla, u li hi suggetta ghal sqaq fuq in-naha tal-punent u li fl-istess beni tgawdi dritt mill-isqaq li jitkompla fir-raba ta' haddiehor, minn pizijiet ohra libera u franka, u tmiss min-nofsinhar ma' gid ta' Angela Borg jew l-aventi kawza taghha, mil-Lvant ma' triq li kienet tissejjah Triq Sir Harry Luke u mit-Tramuntana ma' gid ta' Lorenzo Vella jew l-aventi kawza tieghu, jew irjieh ohra verjuri, kif ahjar deskritta fl-istess kuntratt pubbliku;

Premess illi ghalhekk permezz ta' l-imsemmi kuntratt pubbliku l-attrici saret komproprjetarja flimkien mal-konvenut Vincent Muscat ta' dil-porzjon art u proprjetarja tan-nofs indiviz mill-imsemmija porzjon art in kwistjoni kif fuq deskritta;

Premess illi numru ta' snin, effettivament cirka sittax-il sena, ilu, l-attrici kienet tat prokura generali lill-konvenut Vincent Muscat, liema prokura giet tranzuntata fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Angelo Vella LL.D. tad-9 ta' Lulju, 1981;

Premess illi l-konvenut Vincent Muscat qatt ma agixxa u ma jagixxix b'mod regolari bhala mandatarju ossija prokuratur ta' l-attrici;

Premess illi abbuzivament u frawdolentement il-konvenut Vincent Muscat, bis-sahha tal-fuq imsemmija prokura, ikkuntratta kuntratt pubbliku, datat is-16 ta' Jannar, 1992 u iskritt fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Angelo Vella LL.D. (kopja annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok. "A") ghan-nom ta' l-attrici illi permezz tieghu huwa ta u kkonceda lil uliedu l-konvenuti l-ohra Joseph Muscat, John Mary Muscat u Stephen Muscat b'titolu ta' enfitewsi perpetwa n-nofs indidiz tal-porzjon art *de quo* appartenenti lill-attrici;

Premess illi l-attrici qatt m'awtorizzat lill-konvenut Vincent Muscat sabiex jitrasferixxi jew jaljena n-nofs indidiz lilha appartenenti mill-porzjon art *de quo* lil terzi, jew sabiex jehodha ghalih innifsu;

Premess illi ghalhekk il-konvenut Vincent Muscat agixxa b'mod frawdolenti u ad insaputa ta' l-attrici u bi pregudizzju ta' l-istess attrici;

Premess illi dan il-fatt jirrizulta b'mod mill-izjed car, limpidu u manifest konsiderando illi l-konvenut Vincent Muscat ittrasferixxa l-porzjon art *de quo* appartenenti lill-attrici lil uliedu stess u dan b'cens annwu u perpetwu ta' hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45) redimibbli a bazi ta' tmienja fil-mija (8%), u cioe` effettivament, bil-prezz irrizorju ta' hames mija u tnejn u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm562.50) illi certament ma jirrispekkjax la l-valur tan-

nofs indiviz tal-porzjon art *de quo* u lanqas il-prezz taghha kieku din kellha tinbiegh fuq is-suq hieles;

Premess illi sussegwentement il-konvenuti Joseph, John Mary u Stephen ahwa Muscat fdew dan ic-cens permezz ta' cedola ta' fidi ta' cens pprezentata fit-13 ta' Awissu, 1997;

Premess illi permezz ta' ittra ufficjali datata l-21 ta' Ottubru, 1997, wara illi hija skopriet il-frodi u l-ingann illi gie ipperpetrat mill-konvenut Vincent Muscat ghad-danni u l-pregudizzju taghha, l-attrici irrevokat kull prokura, kemm specjali kif ukoll generali, illi hija tat u setghet qatt tat lill-imsemmi konvenut Vincent Muscat;

Premess illi ghalhekk il-kuntratt pubbliku datat is-16 ta' Jannar, 1992 u iskritt fl-atti tan-Nutar Dr. Angelo Vella LL.D. (Dok. 'A') kuntrattat bejn il-konvenut Vincent Muscat ghan-nom ta' l-attrici u l-konvenuti l-ohra Joseph, John Mary u Stephen, ahwa Muscat huwa null u bla effett stante l-karenza ta' kunsens ta' l-attrici u l-agir frawdolenti tal-konvenut Vincent Muscat;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut Vincent Muscat agixxa b'mod frawdolenti u b'ghemil doluz meta, ghan-nom ta' l-attrici, ad insaputa taghha u kontra l-volonta` u r-rieda ta' l-istess attrici, huwa kkuntratta l-fuq imsemmi kuntratt pubbliku datat is-16 ta' Jannar, 1992 u iskritt

fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Angelo Vehla LL.D. ma' uliedu l-konvenuti l-ohra Joseph Muscat, John Mary Muscat u Stephen Muscat;

2. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet premessi u stante l-karenza ta' kunsens da parti ta' l-attrici u l-ghemil frawdolenti u doluz tal-konvenut Vincent Muscat l-fuq imsemmi kuntratt pubbliku datat is-16 ta' Jannar, 1992 u iskritt fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Angelo Vella LL.D. huwa null u bla ebda effett;

3. Tordna l-kancellament ta' l-imsemmi kuntratt pubbliku datat is-16 ta' Jannar, 1992 u iskritt fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Angelo Vella LL.D. huwa null u bla ebda effett illi permezz tieghu l-konvenut Vincent Muscat ta u kkonceda lil uliedu l-konvenuti l-ohra Joseph Muscat, John Mary Muscat u Stephen Muscat b'titolu ta' enfitewsi perpetwa n-nofs indiviz tal-porzjon art *de quo* appartenenti lill-attrici b'cens annwu u perpetwu ta' hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45) redimibbli a bazi ta' tmienja fil-mija (8%);

4. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jirredigi l-att ossija kuntratt opportun ta' kancellament, tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att ta' kancellament u tiffissa l-lok, data u hin ghall-pubblikazzjoni ta' l-imsemmi att ta' kancellament;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha huma eccipew:-

1. Illi in linea preliminari, l-inkapacita` ta' l-attrici li toqghod fil-gudizzju ghall-finijiet ta' l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pegudizzju ghal premezz, it-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan billi l-eccipjenti agixxew in buona fede, fil-limiti tal-jeddijiet taghhom, u skond ix-xewqat ta' l-istess attrici fil-waqt li saru;

U ghamlu riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti, u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Lulju, 1998, li permezz tieghu giet nominata bhala espert gudizzjarji l-Avukat Dr. Marse-Ann Farrugia biex tfittxu u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija espert nominata li tinsab esebita a fol. 243 *et sequitur* tal-

process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tad-9 ta' Marzu 2001;

Rat in-noti ta' l-abbli difensuri;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni biex titlob lill-Qorti tiddikjara null u bla effett il-kuntratt illi permezz tieghu l-konvenut Vincent Muscat biegh lill-konvenuti l-ohra uliedu bicca art li kienet tappartjeni lill-attrici u f'dan il-bejgh huwa utilizza l-prokura illi l-attrici kienet iffirmat favur tieghu;

Illi Anna Mifsud tigi oht il-konvenut Vincent Muscat; hija kienet mizzewga ma' Carmelo Mifsud meta ffirmat il-prokura favur il-konvenut huha u dan kif spjegat dwar ir-relazzjoni taghha ma' zewgha "*ghalkemm konna ghadna nghixu flimkien, ma konniex f'relazzjoni matrimonjali felici ghaliex zewgi Karmnu kien qed jara mara ohra*". L-attrici spjegat kif il-konvenut huha kien jigbrilha l-qbiela tar-raba illi kien proprjeta` taghha parafernali u kien jiehu hsieb jigbdilha l-flus mid-depoziti bankarji li kellha fl-Ingilterra, dana kollu fid-dawl tad-diffikulta li kellha ma' zewgha;

Illi l-art li fuqha qamet il-kwistjoni ttrattata f'dina l-kawza kienet ghalqa illi l-attrici xtrat minghand certu Antonio Vassallo flimkien ma' huha il-konvenut Vincent Muscat u dan nofs indiviz kull wiehed;

Illi l-prokura ta' l-attrici favur il-konvenut Vincent Muscat giet maghmula fid-9 ta' Lulju 1981 u annessa ma' att tan-Nutar Angelo Vella;

Illi l-attrici kienet hadet proceduri kontra zewgha Carmelo ghall-manteniment pero` dana miet fis-sena 1991; maz-zwieg taghha kienet halliet ir-rahal ta' l-Imgarr fejn kienet imrobbija u marret tghix Birkirkara fid-dar ta' zewgha u hekk kif dana miet f'Novembru 1991 hija talbet lill-konvenut Vincent Muscat "*kienet talbitni biex nibnilha ftit kmamar u gardina fuq din l-istess art, maghrufa bhala Ix-Xaghra ta' l-Imgarr, li minnha jiena ghandi sehem; u dana peress li kienet qeghda thossha wahedha f'Birkirkara*";

Illi rrizulta pero` li proprju xahrejn wara, il-konvenut mar ghand in-nutar u in forza tal-prokura li kellu sa mill-1981 huwa ttrasferixxa b'titolu ta' cens perpetwu lill-konvenuti l-ohra uliedu Joseph, John Mary u Stephen u dan bic-cens annwu ta' Lm45;

Illi huwa pacifiku bejn il-kontendenti illi l-konvenut qatt ma ghamel ebda kuntratt iehor ghan-nom ta' ohtu l-attrici u ma qallha xejn dwar dak li kien ser jaghmel u anqas wara li ghamel dan il-kuntratt ma informaha xejn. Gara li madwar tliet snin wara cioe` f'Gunju 1995 l-attrici kellha bzonn tigi rikoverata fl-Isptar Monte

Carmeli u hemm hekk damet madwar sitt gimghat u ftit inqas minn sentejn wara jigifieri f'Marzu 1997 t-tabib issuggerixxa li terga' tmur l-Isptar "*izda Anna ma rieditx tmur. Jiena flimkien ma' Joseph Debono, li huwa l-gardinar li jahdem il-gnien ta' Anna, rajna li Anna kienet sejra ghal ghar u fuq il-parir tat-Tabib Anna ttiehdet l-isptar permezz ta' l-ambulanza u jiena mort maghha*;

Illi jidher li l-attrici hadet ghaliha ghaliex kienet ittiehdet l-Isptar Monte Carmeli u ftit wara l-attrici riedet tittrasferixxi s-sehem taghha minn din l-art lin-neputi ta' oht ohra tal-kontendenti Anna u Vincent; kien hawn illi l-attrici ndunat li l-art ma kienetx ghadha f'isimha u allura hadet il-passi biex irtirat malajr il-prokura u dan kien f'Ottubru 1997 ghalkemm l-attrici xorta baqghet tqabdu biex jiehu hsieb l-affarijiet taghha bhal gbir tac-cnus; hija tikkontendi li ta' dan hija dejjem hallsitu tajjeb;

Illi l-konvenut jistqarr illi meta tatu l-prokura originarjament "*jiena kont niehu hsieb flus ta' l-attrici li kellha depozitati fl-Ingilterra. Dawn il-flus dawrithom fuq ismi wara li jiena kelli l-prokura. Kienet l-attrici li ffirmat biex iduru fuq ismi.*" Il-konvenut ma setax jispjega ghaliex ma utilizzax l-istess prokura biex idawwar fuq ismu l-flus imma ffirmatlu l-attrici stess. Dwar il-kuntratt in kwistjoni l-konvenut jistqarr "*jiena qabel ma ghamilt il-kuntratt in kwistjoni ma tlabtx permess lill-attrici*", u qal ukoll li "*jiena m'ghidtilhiex li c-cens kien se jkun ta' Lm45 fis-sena*". Fix-

xhieda tieghu huwa pprova jaghti l-impressjoni illi "*ghaddew xi tlett xhur qabel jiena mort biex inhallasha ic-cens. Ic-cens fil-kuntratt kien ta' Lm45 fis-sena*" izda fl-istess seduta huwa qal "*jiena nikkorregi dak li xehedt qabel fis-sens li mort natiha c-cens tlett xhur wara l-kuntratt. Jiena mort intiha c-cens erba' snin wara*";

Illi l-konvenut u uliedu jaghtu l-impressjoni illi parti mit-transazzjoni kienet illi l-attrici ddawwar fuqhom l-art waqt li huma jibnulha fuq l-istess art il-kmamar illi xtaqet hi; pero` ma jidher bl-ebda mod li kien hemm din l-kundizzjoni anki jekk dan kien fl-intenzjoni tal-konvenuti;

Illi l-konvenut qabel ukoll illi l-attrici l-ewwel darba li kienet taf b'dan il-kuntratt kien proprju meta il-konvenut mar biex jipprova itiha c-cens; il-Qorti tifhem li kien hawn li proprju il-konvenuta hadet ghaliha sakemm pprocediet bic-citazzjoni odjerna tant illi meta offrilha c-cens "*qabdet tgerger u tghajjat. Hi bdiet tghid li l-flus ma ridithomx u ma tatnix raguni*";

Illi dwar in-natura ta' l-art in kwistjoni ghalkemm ulied il-konvenut ippruvaw jaghtu stampa illi ma kienux certi dwar jekk l-art kienetx fabbrikabbli jew li mill-kronologija tad-dati u mill-fatt illi bdew jaqtghu l-blat u anki bnew xi cint madwarha, l-Qorti hi tal-fehma li meta l-konvenut xehed "*din l-art hija fabbrikabbli*" kien jaf ben tajjeb dan il-fatt anki meta sar it-trasferiment; ghalhekk lanqas jidher wisq kredibbli il-fatt illi c-cens kien biss ta' Lm45;

Illi l-konvenut John Mary Muscat xehed "*jiena u huti xtrajna din l-art b'cens minghand missierna, bil-patt u l-kundizzjoni li ahna kellna nqattghu l-blat li kien hemm fiha, sabiex nibnu dar u gardina, ghal Anna, fuq din l-art, li minnha missieri ghandu sehem, peress li wara li z-zija romlot, hija xtaqet terga' tigi toqghod l-Imgarr*";

Illi ma jistax ma jigix osservat illi fil-kuntratt in kwistjoni ghalkemm jidher li din kienet l-intenzjoni tal-konvenuti pero` ma tnizzel xejn u kull ma jidher kien it-trasferiment b'cens perpetwu;

Illi ma tantx tidher kredibbli l-verzjoni tal-konvenuti meta jghidu li lanqas jafu sewwa xi tfisser meta jghidu cens perpetwu u mxew biss fuq il-parir li kien tahom il-perit Charles Buhagiar "*Jiena kont tkellimt mal-Perit Charles Buhagiar qabel ma ltqajna ghand in-nutar u kont ghidtlu li konna sejrin naghmlu kuntratt u hu ssuggerixxa li l-kuntratt isir wiehed ta' cens – ma qallix ghalfejn ghamel dan is-suggeriment, pero` jiena ghidt lil missieri u lil huti qabel morna ghand in-Nutar x'kien issuggerixxa l-Perit Buhagiar u dawn accettaw. Jiena ma kontx tajt taghrif iehor lill-Perit Buhagiar*"; illi skond l-istess konvenut Joseph Muscat "*Ahna qabbadna wiehed tal-blat biex iqatta' l-blat u kellimna l-Perit Lawrence Gatt sabiex jaghtina l-linja tal-plot ezatt u jaghmel pjanta tad-dar. Ix-xoghol sar fuq il-plot kollha. Tqatta' l-blat sal-livell tat-triq peress li kienet aktar minn sular oghla mit-triq fuq parti mill-plot. Konna ghamilna wkoll il-pedamenti precizament il-medda tal-*

*konkos. Ix-xoghol tal-konkos ghamiltu jiena. Dan ix-xoghol sar ftit zmien wara li miet ir-ragel ta' l-attrici."*

Illi skond ix-xhud Joseph Debono li huwa l-persuna li jiehu hsieb ir-raba ta' l-attrici u jdiher li hu vicin taghha hafna, huwa jispjega illi "*wara li rritornat mill-Isptar Monte Carmeli it-tieni darba, Anna giet qatta' bla habel kontra huha Censu u kontra Pawla Galea n-neputija taghha, minhabba li wahhlet fihom li haduha l-Isptar ghal xejn*"; dan kollu jispjega b'mod car il-bidla fl-atteggjament ta' l-attrici fil-konfronti ta' huha u tal-familja tieghu;

Illi minn naha tieghu l-konvenut jghid li ohtu l-attrici "*Kienet tghidli 'Dik l-art ghalik u ghat-tfal.'*"; illi l-Qorti tifhem li dan il-kliem kien ifisser illi hija kienet sejra thalli l-art lilu jew lil uliedu permezz ta' testment ghaliex qatt ma qaltlu li dik l-art hija tieghek imma dik l-art hija ghalik. Dina kienet x'aktarx tkun il-posizzjoni kieku ma' nqalghetx il-kwistjoni ta' l-isptar meta l-attrici hasbet illi kien il-konvenut huha li batha hemm hekk. Kif inqala' dan id-disgwid ma' huha Vincent Muscat, facilment wiehed jifhem kif dahlu n-neputijiet l-ohra fuq l-attrici u dawn bdew isusu biex l-art taghtiha lilhom u minn dan wassal biex inkixef il-kuntratt li permezz tieghu Vincent Muscat biegh jew ta b'cens lill-istess uliedu l-konvenuti l-ohra; illi huwa f'dan l-isfond pjuttost car li l-problemi ta' din il-kawza jridu jigu kkonsidrati;

Illi ghal kull buon fini l-attrici esebiet certifikat tal-psikjatra Dr. David Cassar fejn

ikkonferma illi l-attrici "*is of normal mental state and fully fit to exercise her legal rights*", ghalkemm il-Qorti tifhem illi l-istat ta' l-attrici ma huwiex forsi ghal kollox perfett imma ma jidhirx anki fid-dawl tax-xhieda li taw l-avukat u n-nutar illi wiehed jista' jikkonsidra illi taqa' taht l-artikolu citat fl-ewwel eccezzjoni; kif gustament osservat fir-relazzjoni peritali "*il-konvenuti ma sostnewx l-eccezzjoni taghhom b'dawk il-passi procedurali li jkun hemm bzonn biex tigi sostnuta eccezzjoni bhal dik. Huma ma talbux li jigi appuntat espert biex tigi ezaminata l-attrici u lanqas m'ghamlu rikors ghall-hatra ta' kuraturi ad litem*", ghalhekk il-Qorti tifhem li din l-eccezzjoni ma hijiex sostenibbli;

Illi dwar il-meritu jidher li l-attrici kienet tat prokura generali lill-konvenut Vincent Muscat u dan kien jinkludi l-poter illi jbiegh anki immobbli, pero` ma jistax ma jigix osservat illi dan kien l-uniku trasferiment ta' immobbli effettwat mill-istess konvenut u sar ghaxar snin wara li kellu diga` il-prokura f'idejh. Illi hlief ghad-dikjarazzjoni tieghu li l-attrici kienet tghidlu li l-art kienet ghalih u ghal uliedu, il-konvenuti bl-ebda mod ma gabu xi prova biex juru illi l-attrici riedet illi huwa jirrapprezentaha fuq kuntratt simili; anqas jidher li l-attrici kienet f'xi stat prekarju ta' sahha illi ma setghetx tmur mieghu ghand in-nutar; izda huwa ghazel li juza l-poter li kienet taghtu permezz tal-prokura, imma l-inqas li wiehed kien jistenna illi javzaha b'dak li kien ser jaghmel u certament wara li jkun ghamlu almenu ma jistennix erba' snin biex imur

jinfurmaha bih; illi mhux bizzejjed li l-konvenut kellu, in forza ta' l-imsemmija prokura, il-poter li jaghmel kuntratt simili, certament kien hemm izjed minn negligenza f'kummissjoni bhal din. Dan in-nuqqas gravi imur certament kontra l-obbligu li huwa bhala mandatarju "*ghandu jaghti kont lil dan ta' dak kollu li jkun ghamel u ta' dak kollu li jkun ircieva bis-sahha tal-mandat*" hawn hekk mhux biss irceva flus imma iddispona minn proprjeta` u xorta ma esegwix dan l-obbligu; il-Qorti taqbel ma' l-abbli relattrici meta issottomettiet "*il-konvenut zgur li ma mexiex in buona fede u fl-ahjar interess ta' l-attrici f'din l-okkazzjoni partikolari meritu tal-kawza u pprova jiehu vantagg favur tieghu u ta' uliedu l-konvenuti l-ohra, u dan proprju fil-mument l-aktar debboli ta' l-attrici, cioe` wara li romlot u meta talbitu jibnilha fuq l-art de quo u biddlet il-hsieb ftit wara. Lanqas ma wiehed jista' jghid li l-konvenut Vincent Muscat mexa fl-ahjar interess ta' l-attrici meta jitqies l-ammont ta' cens li hu stabbilixxa, li meta jigi mifdi – kif fil-fatt gie mifdi mill-konvenuti l-ohra – wassal biex l-attrici ser tircievi somma irrizorja ghal proprjeta` taghha*";

Illi dawn in-nuqqasijiet, il-Qorti rriskontrathom mhux biss fl-agir ta' Vincent Muscat imma wkoll fl-agir tal-konvenuti uliedu li, hekk kif beda iberraq l-inkwiet wara li l-attrici harget mill-isptar, huma sahansitra hadu l-passi biex jifdu l-imsemmi cens. U dan wara li kienet uriet lil missierhom illi ma kienetx qablet ma' dak it-trasferiment u ma riditx tircievi c-cens;

Illi l-Qorti taqbel li l-agir tal-kontendenti "*F'din l-ispeci ta' innocenza mhi xejn hlief kopertura konvenjenti ghal dak li verament riedu jaghmlu l-konvenuti ulied Vincent Muscat – jiehdu f'idejhom l-art ta' l-attrici ad insaputa taghha. Meta l-attrici haditha kontra missierhom, ma hadux riskji aktar u fdew ic-cens biex jikkompletaw it-transazzjoni frawdolenti*";

Illi l-Qorti hi tal-fehma li dak kollu li ghamlu l-konvenuti jammonta ghall-agir frawdolenti ghad-dannu ta' l-attrici u li l-kopertura harget aktar cara meta wiehed jikkonsidra li minflok donazzjoni kif wiehed ghandu jifhem li riedet taghmel l-attrici skond il-verzjoni tal-konvenuti, izda ghamlu kuntratt aktar sod u li jkun aktar difficli biex timpunjah;

Illi l-Qorti tifhem li l-principju *fraus omnia corrumpit* ghandu jwassal biex jigi annullat l-att illi wara kollox kien perpetwat mill-konvenuti kollha flimkien u ma hemmx kwistjoni ta' xi terzi li jistghu jigu pregudikati b'din n-nullita`.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba attrici u tiddikjara li l-konvenut Vincent Muscat agixxa b'mod frawdolenti meta dahal fil-kuntratt ma' uliedu l-konvenuti l-ohra tas-16 ta' Jannar 1992;

Tilqa' t-Tieni Domanda u tiddikjara null u bla effett anki ghar-raguni indikata l-kuntratt

ppubblikat fis-16 ta' Jannar 1992 bejn il-konvenuti in atti Nutar Dr. Angelo Vella;

Tilqa' wkoll it-Tielet Domanda;

Tilqa' r-Raba' Domanda u tinnomina lill-istess Nutar Dr. Angelo Vella biex jirredigi l-att ossia kuntratt opportun ta' kancellament, tinnomina lil Dr. Irene Bonello biex tirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratt u tordna li dan ghandu jigi ppublikat f'wahda mill-awli tal-Qorti Superjuri nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar tas-sena 2002 fl-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:30 a.m.).

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur